# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 106/94 NA**

**Joseph Zammit Pavia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Motherwell Bridge Industrial Services Ltd.**

**vs**

**Carmen Pace u zewgha George Pace ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur nomine ppremetta:

Illi fis-26 ta' Novembru 1992, il-kontendenti kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku f'Bonavita Street bejn Maruti Saloon 796cc., numru tar-registrazzjoni O-0294, proprieta' ta' l-attur

nomine li fil-hin ta' l-incident kienet parkeggjata fl-imsemmija triq u l-vettura Lada Estate numru ta' registrazzjoni E-1566 misjuqa mill-konvenuta Carmen Pace;

Illi dan l-incident gara b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku unikament tort tal-konvenuta;

TALAB li dina l-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-incident awtomobilistiku tas-26 ta' Novembru 1992, li sehh f'Bonavita Street, Sliema bejn Murti Saloon 796 cc, numru ta' registrazzjoni O-0294, proprieta' ta' l-attur nomine u l-vettura Lada Estate numru ta' registrazzjoni E-1566 misjuqa mill-konvenuta u hi responsabbli ghad-danni sofferti;

2. tillikwida d-danni minnu sofferti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi huma m'ghandhom ebda kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita' ta' l-incident, izda illi ghandhom interess li jikkontrollaw il-*quantum* tad-danni li sejjer jigi mitlub mill-attur u ghalhekk jirriservaw illi jikkontestaw il-provi li jingiebu fir-rigward tat-tieni talba attrici;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi ghalkemm ingabru diversi provi dwar ir-responsabbilita', il-Qorti thoss li la darba m'hemmx kontestazzjoni dwarha, ghandha tillimita ruhha ghal *quantum* tad-danni.

Dwar il-*quantum* tad-danni l-attur nomine ressaq dawn il-provi:

Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gasan Enterprises Limited xehed u kkonferma Dokument "AG" a fol. 27 tal-process u cioe' *repair order* tat-tiswijiet li

saru fuq il-vettura Numru O-0294, ta' l-attur nomine. Il-kont totali, inkluz il-*parts* jammonta ghal Lm443.

Dr. Bianchi kkonferma wkoll illi dan il-kont thallas.

Gew esebiti wkoll erba' *invoices* mmarkati bhala Dokument "AG1" - "AG" a fol. 37-40 tal-process b'total ta' Lm154.99 li huma parti mis-somma globali ta' Lm443.

Ross Baxter ikkonferma illi l-hsarat kienu jezistu wkoll fis-*sliding door*. Ikkonferma wkoll il-fatt illi l-karozza ttiehdet ghat-tiswija madwar erba' gimghat wara li sehh l-incident, u kemm-il darba nizel ghand Gasan sabiex ikun prezenti s-*surveyor* izda dan qatt ma gie.

Christopher Hickey ikkonferma li x-xogholijiet saru wara li s-*surveyor* qatt ma attenda u l-ispejjes kienu jammontaw ghal madwar Lm450.

Christopher Hickey, wara li gie riprodott mill-attur nomine kkonferma illi l-hsarat kienu effettwaw iz-zewg nahat tal-vettura ta' l-atturi, peress illi l-vettura hadet daqqa sew bil-konsegwenza illi l-istess impatt "*shifted the roof rack that was*

*just above that door panel to the other side of the van causing the mountain brackets to cut through the rain gutter on the left side of the van.*"

Il-konvenut da parti tieghu kkontesta d-dokumenti prodott mill-attur nomine stante illi ma jirriklamawx il-hsarat li effettivament garrbet il-vettura ta' l-atturi nomine u l-istess dokumenti lanqas biss jaghtu *breakdown* car ta' x'inhi ezatt l-ispiza taghhom.  Hu jispjega illi l-hsarat kienu fuq "*ir-right lower panel of the sliding right hand door u ghalhekk il-hsarat l-ohra fil-window frame, window channels u l-allegat difett fil-bieb ta' wara m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-incident in kwistjoni.  Il-hsara fil-bieb kienet biss zbrixxatura.  Il-panel kien dented, pero' ma kienx irriparabbli, fuq ir-right side door panel.*"

Il-konvenut nomine wkoll jikkontesta l-fatt li ma kienx hemm *survey* u li ma kienx accetta li jsiru r-riparazzjonijiet minghajr ma jkun ra l-karozza s-*surveyor*.  Fil-fatt jikkonferma li ma kienx mar is-*surveyor*, ghaliex fil-fatt l-insurance ma kenitx hallsietu la darba ma kienx mar l-istess *surveyor*.

Il-konvenut nomine jikkontesta l-fatt li l-impatt wassalha ghac-caqliq fir-*roof rack*, kif xehed Chritsopher Hickey u dan

minhabba l-fatt li l-genb tal-van intlaqat bil-ponta tal-genb tal-*bumper* tal-Lada u ntlaqghet bil-sbrix biss.

Inoltre, il-konvenut jispjega illi hu ma jsitax jaqbel mad-data tar-*repair oder* esebita mill-atturi nomine peress illi l-istess vettura dahlet ghar-*repairs* xahar wara l-incident.

Il-Qorti thoss illi minkejja illi l-provi fir-rigward tal-*quantum* tad-danni huma konfliggenti dawk il-provi mressqa mill-attur huma aktar kredibbili u verosimili. Infatti fuq bilanc ta' probabbilita' l-Qorti thoss illi d-danni reklamati huma veri u mhux esagerati konsiderat l-incident in kwistjoni.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. fuq ammissjoni ta' l-istess konvenuti tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-incident awtomobilistiku tas-26 ta' Novembru 1992 li sehh f'Bonavita Street, Sliema bejn Maruti Saloon 796 cc numru ta' registrazzjoni O-0294, proprieta' ta' l-attur nomine u l-vettura Lada Estate numru ta' registrazzjoni E-1566 misjuqa mill-konvenuta gara unikament tort tal-konvenuta li hija responsabbli ghad-danni sofferti;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm443);

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine d-danni ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm443) kif likwidati u dana bl-ispejjes ta' din il-kawza.

L-imghax legali fuq dan l-ammont jiddekorri biss millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.